

*“Bir-raġun ilqajna bil-ferħ l-istedina tal-Papa Benedittu XVI biex niċċelebraw mal-Knisja universali s-Sena Pawlina fl-okkażjoni tal-2000 sena mit-twelid ta' dan l-Appostlu tal-Ġnus, li għalina mhuwiex sempliċement wieħed mill-ħafna qaddisin, imma dak li nissilna fil-fidi.”* (Mill-Pastorali ta' l-Isqfijiet għas-Sena Pawlina)

B'dan iridu jgħidulna l-Isqfijiet tagħna li aħna għandna nkunu minn ta' quddiem, protagonisti f'dak kollu li d-djoċesi tipproponielna bħala approfondiment tal-ħajja tal-fidi tagħna matul din is-sena.

Ma konniex inkunu nistgħu niċċelebraw il-festi tal-qaddisin tagħna kieku ma kienx hemm din iċ-ċelebrazzjoni tal-magħmudija tagħna 2000 sena ilu.

U biex inkunu konkreti nistaqsu: il-festi f'ġieħ il-qaddisin tagħna li bħalissa qed niċċelebraw b'tant heġġa jixhdu li huma festi Kristjani, festi jiġifieri li jsebbħu lil Alla li fiH ngħixu, nitħarrku, fiH aħna?

Il-festa patronali tista' tkun għalhekk eżami ta' kuxjenza għalina lkoll u spinta 'l quddiem biex dejjem insiru iktar dak li fil-fatt aħna, permezz tal-magħmudija, jiġifieri Kristjani.

Nitolbu biex ma nibqgħux lura għas-sejħat li ser isirulna mill-Isqfijiet tagħna minn żmien għal żmien, anzi li nkunu kollaboraturi magħhom f'għalqa Maltija mhux nieqsa minn xewk u għollieq li jista' joħnoq dak li Alla żera' fina b'tant imħabba.

***Arċ. Kan Dr Joe Zammit - Qala***

## *Jistgħu jinteressawk*

*Erbgħa 20 ta' Awissu:* *Pellegrinaġġ Djoċesan għal fuq il-Gżejjer ta' San Pawl (tista' tintrebaħ l-Indulġenza Plenarja)*

*gozopress • 21551534*

# *It-Talba tal-ġimgħa*



Mulej Ġesu', grazzi tal-providenza tiegħek ; grazzi tal-ħsieb tiegħek fuqi ; u grazzi talli permezz tal-Knisja għadek titmagħni bl-ikel tal-kelma tiegħek u ta' l-Ewkaristija.



Djoċesi ta' Għawdex

# Bullettin tal-Ħadd

**It-18-il Ħadd matul is-sena • Sena A • Id-39 Sena (2054) • 3 ta' Awissu 2008**

**Qari mill-Evanġelju ta' San Mattew** (Mt. 14, 13-21)



F'dak iż-żmien meta sama' l-aħbar tal-mewt ta' Gwanni l-Battista, Ġesù telaq minn hemm bid-dgħajsa u mar waħdu f'post imwarrab. Imma n-nies semgħu fejn mar, u telqu warajh bil-mixi mill-ibliet. Xħin niżel l-art mid-dgħajsa ra kotra kbira ta' nies u tħassarhom, u fejjqilhom il-morda tagħhom. Xħin sar filgħaxija d-dixxipli tiegħu resqu lejh u qalulu: "Dan post imwarrab, u l-ħin għamel sewwa. Ibgħathom lin-nies, ħa jmorru fl-irħula jixtru x'jieklu." Imma Ġesù qalilhom: "Ma għandhomx għalfejn imorru; agħtuhom intom x'jieklu." U huma qalulu: "Hawn ma għandniex ħlief ħames ħobżiet u żewġ ħutiet." "Ġibuhomli hawn?" qalilhom. Mbagħad ordna lin-nies biex joqogħdu bilqiegħda fuq il-ħaxix; ħa l-ħames ħobżiet u ż-żewġ ħutiet, rafa' għajnejh lejn is-sema, bierek, qasam il-ħobżiet u tahom lid-dixxipli, u d-dixxipli newwluhom lin-nies. U kulħadd kiel u xaba', u ġabru l-bċejjeċ li kien fadal u mlew bihom tnax-il qoffa. U kienu madwar ħamest elef raġel dawk li kielu, barra n-nisa u t-tfal.

**RIFLESSJONI**

- Ġesu', kulfejn kien ikun, kien jieħu l-okkażjoni li jgħallem lill-poplu u jitimgħu bl-ikel tal-kelma t'Alla
- Huwa kien dejjem iħoss mal-bniedem speċjalment meta jkun batut : ifejjaq, jikkonsola, jiddefendi u anke jipprovdilu l-ikel materjali.
- Ġesu' għallem ukoll lid-dixxipli biex ikunu sensibbli għal dak li jkun jeħtieġ il-bniedem.
- Meta lil Ġesu' noffrulu 'l ftit li jkollna, bih huwa jaf jagħmel ħwejjeġ kbar, bħalma għamel mal-folla.
- Infittex lil Ġesu' biex niekol il-kelma ta' Alla, jew infittxu biss għall-ħtiġijiet materjali?